MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' April, 2011

Numru. 133/2010

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Kevin Camilleri, iben Joseph, imwieled Pieta' fil-5 ta' Awwissu, 1982, Karta ta' l-Identita numru 422582(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fid-9 ta' Diċembru, 2009 f'xi ħin bejn is-7.00 a.m. u l-12.00 p.m.ġewwa Triq is-Salib, Marsa kkometta serq ta' diversi oġġetti minn vettura ta' għamla Proton, bin-numru tar-reġistrazzjoni LMS 777, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' aktar minn €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37 u bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Christopher Mercieca u/jew persuna/i oħra;

2. talli fl-istess żminijiet, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli fl-istess żminijiet, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamle ħsara fil-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LMS 777, għad-dannu ta' l-istess Christopoher Mercieca liema ħsara hi ta' aktar minn €116.47 iżda anqas minn €1,164.69;
4. talli kkometta diversi reati/delitti li għalihom hemm il-piena tal-priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, liema sentenza hija definittiva u datata 8 ta' Mejju, 2008;
5. talli kiser il-provvedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ta' sentenza datata 8 ta' Mejju, 2008 fejn kien misjub ħati ta' reat u liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2010 fejn l-imputat ħallas is-somma ta' €240 danni lil Christopher Mercieca.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' April, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat skonta l-piena ta' priġunerija nflitta bis-sentenza tat-8 ta' Mejju, 2008.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' April, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-ewwel, tat-tielet u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 267, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda

tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------